MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF
PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2009

Appell Civili Numru. 919/2008/1

**Dragonara Casino Limited**

**vs**

**Rachel Falzon**

**Il-Qorti,**

Fit-12 ta’ Gunju, 2009, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **“**It-Tribunal,
>
> Ra l-Avviz tas-socjeta’ attrici li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet il-hlas ta’ seba’ mija u tmienja u sittin Euro u erbgha u sebghin centezmu (€768.74), somma dovuta lilha mill-konvenuta rapprezentanti kwantu ghal seba’ mija u wiehed u erbghin Euro u erbgha u ghoxrin centezmi (€741.24) bhala penali in segwitu ghall-abbandun

tal-impjieg taghha mas-socjeta' attrici qabel l-iskadenza tat-terminu definit, skont il-kuntratt tal-impieg, u kwantu ghal sebgha u ghoxrin Euro u hamsin centezmu (€27.50) bhala spejjez ta' ittra legali.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mid-datata tal-prezentata tal-avviz kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Ra r-riposta tal-konvenuta fejn eccepixxiet illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, peress illi l-konvenuta kienet originarjament impjegata fuq kuntratt definit izda dan il-kuntratt t'impjieg gie awtomatikament konvertit f'wiehed ghal zmien definit *ai termini* tar-Regolamenti dwar Kuntratti ta' l-Impjieg ghal zmien fiss tas-sena 2002, u ghalhekk il-konvenuta kellha taghti lis-socjeta' attrici '*notice*' ta' erba' (4) gimghat, li minnhom ma hadmitx biss tlett (3) granet tax-xoghol.

Ghaldaqstant, it-talbiet tas-socjeta' attrici ghandhom jigu michuda u l-konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas biss l-ammont ta' tmienja u sebghin Euro u tlieta u sittin centezmu (€78.63) bhala penali ta' '*notice*' mhux mahdum.

Illi ntalab korrezzjoni fil-korp tat-talba, mhux oppost mill-konvenuta, fejn il-kliem "tat-terminu definit skont il-kuntratt tal-impieg" ghandhom jigu sostitwiti bil-kliem "taz-zmien tal-avviz ta' terminazzjoni tal-impjieg", u permezz ta' digriet moghti fit-12 ta' Frar, 2009 it-Tribunal ordna l-korrezzjoni fil-korp tat-talba f'dan is-sens.

Ra d-dokumenti kollha pprezentati in atti.

Sema' x-xhieda ta' Fleur Farrugia u Christian Falzon.

Sema' t-trattazzjon tal-partijiet.

<u>Ikkunsidra</u>

Illi din il-kawza titratta dwar talba ghall-ammont ta' flus allegatament dovuti mill-konvenuta bhala penali in segwitu ta' tluq minn impieg qabel l-iskadenza tat-termini definit skontil-kuntratt ta' l-impieg, kif ukoll ghall-ispejjez ta' ittra legali, liema ammont shih fit-talba huwa kkontestat. Illi skont il-konvenuta l-ammont dovut lis-socjeta' attrici huwa ta' tmienja u sebghin Euro u tlieta u sittin centezmu (€78.63) u n-'*notice period*' kellu jkun ta' erba' (4) gimghat.

Illi mill-provi tas-socjeta' attrici irrizulta illi l-konvenuta kienet tahdem mas-socjeta' attrici mit-13 ta' Mejju, 2002 b'kuntratt definit ghal sena, li gie mgedded ghal erba' (4) snin. Wara erba' (4) snin, fit-30 ta' April, 2006 dan il-kuntratt gie tterminat u fl-1 ta' Mejju, 2006, il-konvenuta giet impjegata mill-gdid taht kuntratt indefinit u baqghet tahdem mas-socjeta' konvenuta sat-22 ta' Jannar, 2008. Jirrizulta ukoll illi l-konvenuta rrizenjat fil-5 ta' Jannar, 2008 wara li dahlet lura mill-'*maternity leave*'. Peress illi l-konvenuta ma hadmitx is-sitt (6) xhur ta' wara l-'*maternity leave*' s-socjeta' attrici talbet hlas lura ghal '*maternity leave*' li l-konvenuta hallset lis-socjeta' attrici. Kien baqa' biss li s-socjeta' attrici tithallas ghall-'*notice period*'. Illi fil-fehma tas-socjeta' attrici, il-konvenuta kienet ilha mpjegata mas-socjeta' attrici ghal hames snin u nofs u ghalhekk in-'*notice period*' kellu jkun ta' tmien (8) gimghat skont il-Ligi dwar Impjiegi taht kuntratt indefinit.

Illi skont ix-xhieda tar-ragel tal-konvenuta huwa spjega, kif meta giet sabiex tittermina l-impieg martu Rachel, huwa talabha sabiex tivverifika ma certu Charmaine mis-socjeta' attrici sabiex tara kemm kellha thallas lis-socjeta' attrici u b'hekk jehilsu l-kontijiet. Martu giet moghtija '*break down*' tal-pagamenti maqsumin fi hlas lura ghall-

‘*maternity leave*’ u hlas lura ta’ ‘*notice period*’ mhux mahdum, bir-rizultat illi l-partijiet ma qablux fuq l-ammonti dovuti peress illi l-konvenuta sostniet illi hija giet impjegata mill-gdid fl-1 ta’ Mejju, 2006 taht kuntratt indefinit u ghalhekk ‘*notice period*’ kellu jirifletti biss sentejn (2) ta’ impieg.

It-Tribunal jirrilleva illi l-kompitu tat-Tribunal huwa primarjament illi jistabilixxi kif il-konvenuta kienet impjegata mas-socjeta’ attrici u mbaghad ghandu jigi stabbilit kemm kellu jkun in-‘*notice period*’ mat-tluq taghha mill-istess impjieg.

Illi l-fatti tas-sekwenza ta’ l-impjieg tal-konvenuta huma cari. Illi l-konvenuta kienet impjegata taht kuntratt definit ta’ sena, li kien jigi imgedded kull sena ghal erba’ (4) snin sa minn Mejju tal-2002. Illi fil-fehma tat-Tribunal, waqt illi l-konvenuta kienet qed tahdem taht kuntratt definit, l-impjieg taghha kien irregolat mill-kundizzjonijiet ta’ dak il-kuntratt. Fil-mument illi s-socjeta’ attrici impjegat lill-konvenuta taht kundizzjonijiet ta’ impjieg differenti, u cioe’ taht kuntratt ta’ impjieg indefinit, l-istess impjieg ghandu jitqies bhala wiehed gdid regolat mill-kundizzjonijiet godda. Illi l-kuntratt indefinit m’ghandux jitqies bhala estensjoni ta’ kuntratt definit, ghaliex il-konvenuta baqghet fl-impjieg ta’ l-istess kumpanija. Ir-regoli inbidlu meta l-kuntratt ta’ sena gie terminat. It-Tribunal jirrilleva illi r-Regolamenti dwar l-Impjieg b’ kuntratt definit gew varjati kemm fl-2002, kemm fl-2007 u kemm fl-2008.

It-Tribunal jasal ghall-konkluzjoni illi r-ragunament tas-socjeta’ attrici illi n-‘*notice period*’ kellu jkun ta’ tmien gimghat (8) snin fuq perjodu ta’ mpieg bejn 2002 u 2008 mal-kumpanija m’huwiex korrett. Illi l-hlas lura ghan-‘*notice period*’ kellu jkun mahdum skont in-‘*notice period*’ ezistenti taht ir-regolamenti ta’ kuntratt indefinit. Ghaldaqstant, l-impjieg tal-konvenuta ghandu jkun rikonoxxut bhala wiehed

gdid b'effett mill-1 ta' Mejju, 2006 u ghaldaqstant dwar '*notice perio*d' ghandu japplika l-Artiklu 36(5)(c) tal-Kap. 429 dwar l-impieg.

Stabbilit dan il-principju, it-Tribunal jonqsu biss jistabilixxi l-ammont li l-konvenuta jkun jonqosha thallas lura lis-socjeta' attrici ghal '*notice period*' mhux mahdum minnha.

Illi skont dokumenti ezebiti in atti mis-socjeta' attrici, a fol 21 kif mahrug mill-ufficju tal-'*Human Resources Department'* ta' l-istess socjeta' attrici, jghid illi l-konvenuta hadmet gimghatejn '*notice period'* bejn il-5 ta' Jannar, 2008 sat-22 ta' Jannar, 2008. Illi t-Tribunal ghalhekk huwa sodisfatt illi ma l-ittra ta' rizenja fil-5 ta' Jannar, 2008 il-konvenuta hadmet ghal gimghatejn sat-22 ta' Jannar, 2008 u dan hie konfermat f'dokument ezebit.. Illi skont l-Artiklu36(5)(c) tal-Kap 429 tal-Ligi ta' l-Impjieg in-'*notice period*' tal-konvenuta, li kienet ilha biss impjegata mas-socjeta' attrici ghal sena u disa' xhur taht il-kuntratt il-gdid, kellu jkun ta' gimghatejn u mhux ta' erba' gimghat kif eccepixxiet il-konvenuta fir-risposta. Illi ghalhekk fil-fehma tat-Tribunal, l-istess konvenuta m'ghandha taghti xejn lis-socjeta' konvenuta. It-Tribunal jikkonkludi illi r-regolamenti dwar il-Kundizzjonijiet ta' Impjieg, partikolarment dwar it-tigdid ta' kuntratt definit, gew emendati kemm fl-2002, fl-2007 u sahansitra fl-2008, izda r-regolamenti principali applikabbli ghal kaz huma dawk tal-2007.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-talba attrici.

Bl-ispejjes ghas-socjeta attrici."

L-appell tas-socjeta` attrici kontra din is-sentenza hu fformulat b'dawn l-aggravji:-

1. Is-sentenza hi nulla ghaliex mentri cahdet it-talbiet attrici ma ndikatx ukoll li qed tichad l-eccezzjoni tal-konvenuta arginata fuq il-bazi tar-Regolamenti ta’ l-2002 dwar Kuntratti ta’ Servizz ghal Terminu ta’ Zmien Fiss;

2. F’kull kaz it-Tribunal interpreta l-ligi hazin ghaliex ghalkemm afferma li kellhom jircievu applikazzjoni r-Regolamenti ta’ l-2007, naqas milli jadottahom ghall-fattispeci;

3. Bla pregudizzju, la l-konvenuta stess ammettiet li kellha thallas €78.63, it-Tribunal messu almenu kkundannaha thallas din is-somma;

It-twegiba tal-konvenuta hi fis-sens illi l-appell hu irritwali ghaliex jikser il-provvediment ta’ l-Artikolu 8, trattasi ta’ talba inferjuri ghall-€1164.69. Anke, indipendentement minn din l-eccezzjoni, it-Tribunal sewwa applika l-ligi ghaliex fil-kaz partikulari n-*notice period* kellu jkun ta’ gimghatejn;

It-talba li t-Tribunal kellu quddiemu kienet wahda illi, skond l-att korrettiv ta’ l-Avviz tat-Talba (ara verbal moghti fl-udjenza tat-12 ta’ Frar, 2009, fol. 12), tirrigwarda l-pretensjoni tas-socjeta` attrici appellanti ghall-hlas minghand il-konvenuta ta’ €741.24 “bhala penali in segwitu ghall-abbandun ta’ l-impjieg taghha mas-socejta` attrici qabel l-iskadenza taz-zmien ta’ l-avviz ta’ terminazzjoni ta’ impjieg”;

Dan premess, hu provvdut mill-Artikolu 8 (3) tal-Kapitolu 380 illi hu moghti d-dritt ta’ appell fil-kazijiet kollha fejn l-ammont in kwestjoni jeccedi €1164.69, u, indipendentement mill-ammont tat-talba, fil-kazijiet prevvisti fis-subinciz (2) ta’ l-istess artikolu. Gie pero` mfisser f’aktar minn decizjoni wahda illi l-istrument ta’ l-ekwita ghal liema jirreferi l-Artikolu 7 (1) ta’ l-Att m’ghandux ifisser in-negazzjoni ta’ drittijiet legali ghaliex, kif deciz, “ikun l-akbar kontro-sens li jinghad illi minhabba

konsiderazzjonijiet ohra, li fil-fehma tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar ikunu importanti, drittijiet legali jigu skartati u addirittura injorati u negati meta huwa evidenti illi dan ma jkun xejn hlief illegalita` li minnha nfisha ma kienx konfacenti u kompatibbli mal-kuncett ta' l-ekwita`" ("**The Performing Rights Society Limited -vs- Reno Fenech**", Appell mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar, 3 ta' Dicembru, 1999). Huwa ghaldaqstant id-dmir ta' din il-Qorti illi tezamina l-lanjanzi lilha devoluti biex jigi determinat jekk verament, kif sottomess mis-socjeta` appellanti, kienx hemm vjolazzjoni tan-normi procedurali u tad-dritt sostantiv;

Proprju l-ewwel aggravju jintroduci denuncja ta' difett procedurali konsistenti minn allegata nullita tas-sentenza ghal motiv li t-Tribunal mkien ma esprima ruhu dwar l-eccezzjonijiet tal-konvenuta izda sempliciment illimita ruhu biex jichad it-talba taghha. Fil-hsieb ta' din il-Qorti dan l-argoment ma huwiex tenibbli. Il-portata precettiva ta' sentenza kontenuta fid-dispositiv tifforma anke gudikat implicitu fejn jissussisti rapport indissolubbli ta' dipendenza fuq il-kontenut tal-motivazzjoni li tkun irragonat fuq il-kwestjoni u dik l-istess motivazzjoni tkun tirrapprezenta ruhha bhala l-premessa u l-presuppost logiku u guridiku tad-decizjoni. In effetti, l-awtorita` tad-decizjoni ma tkoprix biss ir-ragunijiet guridici li jkunu espressi (gudikat esplicitu) izda wkoll dak kollu proponibbli, sew in via ta' azzjoni jew ta' eccezzjoni, ukoll jekk mhux specifikatament ipprovdut dwarhom mit-tribunal (gudikat implicitu). Tradott dan li nghad ghal kaz in ispecje meta t-Tribunal espressament cahad it-talba attrici, hu kien qieghed fl-istess waqt, u implicitament, jakkolji l-eccezzjoni anke jekk ghal kaz irraguna li r-Regolamenti applikabbli kienu dawk ta' l-2007, u mhux ukoll dawk tas-sena 2002, kif sottomess mill-appellata. L-ewwel aggravju qieghed konsegwentement jigi michud;

Fil-kaz tat-tieni aggravju jigi osservat bi preliminari illi l-punt legali involut jaggira fuq id-determinazzjoni taz-zmien tal-preavviz li l-konvenuta appellata kienet tenuta taghti

lis-socjeta` attrici, principali taghha, fil-waqt tal-komunikazzjoni tar-rizenja taghha. Preavviz dan intiz li jittermina l-kontinwita tar-rapport tax-xoghol u li hu, bl-Att ta' l-Impjiegi u Relazzjonijiet Industrijali (Kapitolu 452), regolat bl-Artikolu 36 (5) tieghu;

Opportunement, ghal dawk li huma l-fatti antecedenti jirrizulta mill-provi illi l-konvenuta kienet fl-impjieg regolari mal-kumpanija appellanti u b'kuntratt ghal zmien fiss sa mis-sena 2002. Fl-1 ta' Mejju, 2006 l-istess konvenuta nghatat impjieg b'kuntratt ghal zmien indefinit. Dan presumibilment sar mill-kumpanija attrici bl-iskop li tikkonforma ruhha mal-ligi u mar-Regolamenti ta' l-2002 dwar Kuntratti ta' Servizz ghal Terminu ta' Zmien Fiss (Avviz Legali 429 ta' l-2002). Incidentalment, in tema nghad minn din il-Qorti kif presjeduta illi "bil-hsieb li l-legislatur Malti juniforma ruhu mad-Direttivi ta' l-Unjoni Ewropeja jidher li d-dixxiplina l-gdida ntrodotta fil-ligi taghna ghar-regolamentazzjoni hi dik li impjegati *part-time* (A. L. 427/2002) jew dawk ghal terminu ta' zmien fiss (A. L. 429/2002) jigu akkordati trattament ugwali ghal dawk ta' impjegati bi zmien bla limitu, ossija li ma jkunux ittrattati "b'mod inqas favorevoli minn impjegati permanenti komparabbli" (ara Artikolu 4 taz-zewg Avvizi Legali fuq specifikati)" ("**Jason Muscat -vs- St. Edward's College**", Appell mit-Tribunal Industrijali, 14 ta' Dicembru, 2006). Din id-dixxiplina gdida tassumi karattru generali u sostitutiv tad-disposizzjonijiet legali precedenti in referenza ghax-xorta ta' kuntratti ta' impjieg b'terminu. Jinghad difatti fir-Regolament 7 (2) ta' l-precitat Avviz Legali 429/2002 illi "id-disposizzjonijiet tal-kuntratt ta' servizz ghal terminu ta' zmien fiss li tirrestringi t-tul tal-kuntratt m'ghandu jkollha ebda effett u l-impjegat ghandu jitqies bhala impjegat b'kuntratt ghal zmien indefinit jekk (1) l-impjegat kien hekk fis-servizz tal-principal ghal perijodu li jaqbez l-erba' snin u (2) il-principal ma jistax jaghti ragunijiet oggettivi li jiggustifikaw il-limitazzjoni tat-tigdid ta' dak il-kuntratt ghal terminu ta' zmien fiss";

Premess dan, tibqa' l-problematika jekk ghall-fini tal-ghoti tal-preavviz kellhomx japplikaw ir-Regolamenti ta' l-2002, kif hekk sottomess mill-appellata, jew invece dawk ta' l-2007, kif hekk kontez mis-socjeta` appellanti. Fundamentalment, imbaghad, jekk fl-ipotesi l-wahda jew l-ohra kellux jittiehed qies ghal fini tal-komputazzjoni taz-zmien ta' l-impjieg u, allura tal-konfigurazzjoni taz-zmien tal-preavviz, id-data ta' l-istipulazzjoni ta' l-ewwel kuntratt (2002) jew dik id-data minn meta beda jigi konsiderat ir-rapport tax-xoghol ghal zmien indeterminat (2006). Il-kwestjoni tqieghed quddiem il-Qorti konsiderazzjoni ta' rilevanza interpretativa u, cjoe, jekk fil-kaz partikolari l-konversjoni tal-kuntratt ghal zmien indefinit igibx b'assocjazzjoni, u ghall-fini tal-preavviz, rapport uniku ta' impjieg ghal zmien indeterminat;

Mhux kontrovers illi l-konvenuta appellata rrizenjat mill-impjieg fis-sena 2008 u meta allura kienu diga` dahlu in vigore ir-Regolamenti ta' l-2007 li ssostitwew dawk ta' qabilhom (2002) u, anzi, hassruhom ghal kollox (Reg. 10 ta' l-Avviz Legali 51 ta' l-2007);

It-Tribunal filwaqt li rrikonoxxa l-applikabilita` ghall-fattispeci tar-Regolamenti ta' l-2007, u dan wisq korrettement gjaladarba li jghodd hu l-istat tal-ligi kif kienet fil-mument tar-rizenja, naqas imbaghad milli attentament jezamina d-disposizzjonijiet rilevanti ta' dawk l-istess Regolamenti, u li japplikhom. *Inter alia,* il-provvediment tar-Regolament 7(2) li jghid illi "id-data effettiva meta impjegat ghandu jitqies li gie impjegat fuq bazi indefinit hija d-data li tigi l-ghada ta' meta jaghlaq il-perijodu ta' erba' snin, imma l-perijodu ta' impjieg kontinwu f'kuntratt wiehed jew aktar ghal zmien fiss ghandu jigi kkunsidrat ghall-iskopijiet l-ohra kollha inkluza l-anzjanita u s-sensji". Annoverat kif inhu wara d-dispost relattiv ghal dak tas-sensja minhabba *redundancy*, l-Artikolu 36(5) ta' l-Att kellu jircievi l-applikabilita pjena tieghu fis-sens illi ghall-iskop tal-preavviz kellu jittiehed qies tad-durata shiha u kontinwa ta' l-impjieg li ra l-bidu tieghu b'kuntratt ghal zmien fiss fl-2002, f'liema kaz l-effett estintiv tar-rapport

kellu jkun f'relazzjoni ma' l-iskadenza taz-zmien prefiss f'dak l-istess artikolu ghall-perijodu ta' impjieg li jvarja minn erba' snin sa seba' snin, ossija tmien (8) gimghat. Jghodd ukoll ghal kaz dak stipulat f'Regolament 7(5) ta' l-istess Avviz Legali 51 ta' l-2007, jigifieri illi "il-kliem 'impjegat kontinwament' ghandhom jinkludu dawk il-kuntratti ghal zmien fiss li jigu mgedda fi zmien sitt xhur minn meta jiskadu u dan il-perijodu ta' bejn il-kuntratti ghandu jigi nkluz fil-kalkolu ta' kwalifika ta' erba' snin imsemmi f'regolament 7 (1) (a)";

Jinzel minn dan kollu konsiderat illi t-Tribunal ma interpretax kif imiss il-ligi applikabbli meta ghal kaz stabilixxa illi l-avviz ta' temm ta' impjieg kellu jkun assocjat mal-bidu taz-zmien tal-kuntratt indefinit ghaliex dan imur kontra l-kelma u l-ispirtu tar-Regolamenti ta' l-2007, hawn fuq ikkummentati;

Il-provi juru li l-konvenuta kkomunikat ir-rizenja taghha fil-5 ta' Jannar, 2008, izda mbaghad waqfet tahdem ghal kollox fit-22 ta' Jannar, 2008. Hi suppost kellha tahdem perijodu ta' 8 gimghat ghaliex ir-rapport tax-xoghol taghha kellu jipprosegwi sat-tmiem ta' l-avviz. Fin-nuqqas, hi kienet obbligata li thallas lis-socjeta` attrici indennita ekwivalenti ghall-import ta' nofs il-paga li kienet spettanti ghall-perijodu tal-preavviz [Artikolu 36(10)]. Issa x-xhud Fleur Farrugia ghall-kumpanija attrici (fol. 13) tiddikjara illi l-konvenuta ma hadmetx 29 *working days* mill-perijodu li skond il-preavviz suppost kellha tahdem. Dan pero ma jattaljax ruhu mal-komputazzjoni skond id-dokument a fol. 6 li minnu jirrizulta illi kien hemm "23 *days not worked*" bl-ammont korrispondenti, skond il-previzjoni tal-ligi [Artikolu 36(10)] ta' hames mija disgha u sebghin euro, tlieta u tmenin centezmu (€579.83). Dan jidher li hu korrett u hi proprju din l-istess somma li l-Qorti ser tadotta ghall-finijiet tal-kanonizzazzjoni tas-sorte u tal-kreditu dovut. Raggunta din il-konkluzjoni mhux il-kaz li l-Qorti tinoltra ruhha fil-konsiderazzjoni tat-tielet aggravju.

Ghal dawn il-motivi, prevja r-rigett ta’ l-eccezzjoni ta’ l-irritwalita` tal-konvenuta u dik ta’ l-ewwel aggravju tas-socjeta` attrici, tilqa’ t-tieni aggravju, thassar is-sentenza appellata, u bl-akkoljiment tat-talba attrici tikkundanna lill-konvenuta appellata thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ hames mija disgha u sebghin euro, tlieta u tmenin centezmu (€579.83) bl-interessi relattivi mid-data tan-notifika ta’ l-Avviz (4 ta’ Dicembru 2008). L-ispejjez taz-zewg istanzi jitbatew fil-proporzjon ta’ terz (1/3) mis-socjeta` attrici u zewg terzi (2/3) mill-konvenuta appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------